# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 8 ta' Jannar 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 275 /19 JPG**
**Kawza nru.: 12**

**MB**
**Vs**
**CP**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MB datat 16 ta' Dicembru 2019, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi minn relazzjoni illi kellhom il-partijiet twieldet tifla MNB fit-X, u llum ghandha erbgha (4) snin (Dok A).*

*Illi l-kontendenti ilhom illi li temmew ir-relazzjoni ta' bejniethom ghal kollox xi sitt (6) xhur ilu.*

*Illi permezz ta' kuntratt data 6 ta' Frar 2017 ppublikat fl-atti tan-Nutar Dottoressa Tiziana Micallef giet regolata l-kura u kustodja tal-minuri (Dok B).*

*Illi kemm ilhom illi waqfu jikkoabitaw il-partijiet, ir-rikorrent induna illi l-intimata mhix qed tikkura u tiehu hsieb il-minuri, tant illi qeghdha tittraskurahha kemm mill-lat materjali, fiziku, igeniku, kif ukoll emottiv. Illi kieku ma jkunx ir-rikorrent illi jassumi*

*l-irwoli taz-zewg genituri, l-minuri kienet taqa' lura anki mill-lat ta' attendenza ta' skola. Illi minkejja illi gibdilha l-attenzjoni f'dan ir-rigward, ir-rikorrent ma ra ebda progress jew tibdil fl-atteggjament taghha. Illi din is-sitwazzjoni hija preokkupanti u l-inidonjeta' tal-intimata tista' tkompli tissarraf fi hsara fil-konfront tal-benessere tal-minuri.*

*Illi ghandu jinghad ukoll illi l-intimata hija traskurata, irrisponsabbli u ta' influenza hazina kif ser jigi ppruvat. Mhix kapaci tiehu hsieb lit-tifla.*

*Illi minbarra l-minuri MNB, l-intimata ghandha tlett ulied ohra minn relazzjonijiet/zwieg diversi, fosthom, hemm NA ta' Y sena , illi jbati b'kundizzjoni ta' awtizmu aggressiv hafna tant illi ghamel zmien residenti l-YPU, ukoll gewwa il-K.I.Ds Residence, fi hdan ir-Richmond Foundation, ta' 105B, Triq San Girgor, Zejtun, issa qieghed gewwa residenza fuq bazi permanenti fir-respite home 'Il-Warda' li jinsab Pembroke.*

*Illi inoltre, jinsabu ghaddejjin proceduri simili quddiem Dina l-Qorti fl-ismijiet JC vs CP (Rik Nru: 292/2018/JPG) fejn ir-rikorrent JC qieghed jitlob illi jinghata l-kura u kustodja ta bintu l-minuri AC.*

*Illi l-partijiet ghaddew mill-process ta` medjazzjoni izda din il-medjazzjoni ma` tatx frott;*

*Illi l-attrici giet debitament awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti permezz tad-digriet numru 2861/2019 (Dok. EGA3) sabiex tintavola dawn il-proceduri;*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Thassar u tannulla fl-interess suprem tal-istes minuri MNB dak kollu miftiehem mill-kontendenti fl-imsemmi kuntratt data 6 ta' Frar 2017, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottoressa Tiziana Micallef dwar il-granet, hinijiet u modalitajiet ohra ta' access stabbiliti favur ir-rikorrent ghar-rigward tal-minuri MNB;*

2. *Tordna illi fl-ahjar interess tal-imsemmija minuri, MNB, bint il-kontendenti li l-kura u kustodja tal-istess minuri tigi fdata lill-attur b'mod illi l-post tar-residenza tal-istess minuri tkun mal-attur MB, salv d-dritt ta' access a favur l-intimata illi jigi stabbilit skond kif jigi ordnat minn Dina l-Onorabbli Qorti fl-ahjar interess tal-minuri wara li jitqiesu l-anticedenti tal-istess konvenuta u l-karattru u stat psikologiku taghha.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' CP datata 26 ta' Awwissu 2020 a fol 30-31 li taqra hekk:

*Illi l-esponent ma taqbilx mal-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet imressqa mir-rikorrenti fir-rikors guramentata tieghu liema huma inveritieri u infondati ghal kollox, kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan hekk kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza. L-esponent tirriserva minn issa li jressaq xhieda in sostenn.*

*Illi fir-rigward tat-talbiet, l-esponent tissometti is-segwenti:*

1. *Fl-ewwel lok, referibbilment ghall-ewwel talba, l-konvenuta topponi ghaliha u umilment tissottometti illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri jekk il-hinijiet u modalitajiet ohra ta' access stabiliti favur l-attur jibqghu kif inhuma stabiliti skond il-kuntratt li l-partijiet iffirmaw fl-atti tan-Nutar Dottoressa Tiziana Micallef u dan ghaliex il-minuri ghandha rutina iffissata u jkun ta detriment ghall-minuri jekk dawn il-modalitajiet jinbidlu;*

2. *Illi fir-rigward tat-tieni talba, l-konvenuta topponi ghaliha u, kif se jigi provat waqt l-mori tal-kawza l-minuri MNB, dejjem trabbit mal-konvenuta ommha u hutha K u A (iben l-istess attrici, izda minn missier differenti, liema tifla llum ghandha hames snin u ghalhekk l-affarijiet essenzjali tal-hajja taghha huma kollha stabbiliti fir-rahal fejn trabbit u cioe' bhal skola, hbieb, muzew u*

*attivitajiet li tippartecipa fihom il-minuri. Illi, kif ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza, ir-rikorrenti iddecida illi jipprezenta l-imsemmija kawza u dan ghaliex il-habib tieghu u cioe' JC li prezentament l-intimata ghandha kawza mieghu ( ismijiet: JC vs CP 292/2018) iddecidew illi jivvendikaw mill-konvenuta. Fl-umli fehma tal-esponent mill-provi ser jirrizulta illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi l-kura u kustodja tal- minuri ghandha tibqa kongunta bejn il-partijiet, bi dritt ta' access ampju, inkluz sleepovers, illi l-attur ghandu jkollu ghall-minuri MNB inkluz provvedment dwar l-gheluq snin l-attur, gheluq snin il-minuri, festi pubblici, u l-vaganzi tas-Sajf, Ghid, Karnival u l-Milied.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri kif permessi mill-ligi;*

*Bl-ispejjez kontra l-attur illi huwa minn issa ngunta ghas-subizzjoni, u b'riversa ta' kull azzjoni spettanti lill-konvenuta;*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni finali mill-avukati tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat illi fis-17 ta' Jannar 2022 kienet giet infurmatha illi l-minuri kienet bdiet tirrisjedi mal-missier ossia l-attur mill-25 t'Ottubru 2021. Fl-20 ta' Jannar 2022 l-attur intavola rikors sabiex din il-Qorti tordna li l-minuri tibqa' tirrisjedi mieghu u jigi sospiz id-dritt ta' manteniment. Il-Qorti laqghet it-talbiet tal-attur u ordnat illi tkun l-intimata li tigbor lill-minuri ghall-access fil-gurnata tal-Gimgha[1].

Din il-Qorti rat illi fis-seduta tad-19 ta' Frar 2024, saret talba biex il-minuri tinstema' minn

[1] Vide verbal fol. 119 - 120

Avukat tat-Tfal u din il-Qorti hatret l-Avukat tat-Tfal skont it-turn. Fis-seduta tad-29 t'April 2024, din il-Qorti semghet lill-minuri i*n camera* fl-assenza tal-genituri jew tal-avukati taghhom.

*Il-Verzjoni tal-Attur u l-Provi mresqa minnu:*

L-attur xehed permezz tal-affidavit, debitament mahluf quddiem in-Nutar Dottor Nicholas Charles Vella nhar it-12 ta' Novembru 2020. Jghid illi kien beda relazzjoni mal-intimata minn fuq is-siti socjali u wara xi tlett gimghat, kienet qatlu li kienet tqila. Jghid illi kien difficli jafdaha minhabba li darba minnhom kienet irceviet telefonata minghand ragel iehor u kienet qaltlu li kien cempel bi zball. Kien anke beda jiddubita jekk it-tarbija kinetx tieghu. Jghid illi meta  ried jixtri l-bzonnijiet tat-tarbija, l-intimata kienet qaltlu li kienet set tuza' tat-tifla l-kbira li kellha izda l-bzonnijiet li jintuzghu bhal hrieqi u halib, dejjem xtrahom l-attur.

Peress li l-partijiet kienu nfirdu waqt it-tqala, l-attur ma kienx jaf meta twieldet il-minuri u sar jaf minghand habiba komuni xi hmistax wara t-twelied. Rega' mar jghix fid-dar tal-intimata wara li ghamlu t-testi tal-paternita' u rrizulta li hu kien il-missier. Jghid illi sab traskuragni kbira fid-dar tal-intimata u biddel hafna affarijiet kemm dam jghix hemm. Dak iz-zmien irraguna li kien hemm il-bzonn li jkun prezenti mat-tarbija f'dik id-dar u ghalhekk ghamel li setgha biex ihaddem ir-relazzjoni. Kien hemm it-tifel il-kbir tal-intimata ghadu jghix hemm u kien jara lill-intimata tghajjat u tidghi fil-konfront tieghu tant li kien jibza' li t-tifel jirvilla u jwegga' lit-tarbija taghhom. Wara ftit dan it-tifel beda jirrisjedi gewwa residenza tal-Istat.

Jghid illi l-intimata qatt ma kienet tnaddaf, la d-dar u lanqas tahsel il-hwejjeg. Lanqas il-harqa ma kienet tibdel lit-tarbija, tant li gieli kien jasal wara gurnata xoghol u jsib lit-tarbija bl-istess harqa ta' filghodu mimlija. Biex ikun cert, beda anke jimmarka l-hrieqi. L-intimata kienet tqatta il-hin fuq is-siti socjali.

F'Gunju 2019 dahal lura mid-dar u sab hafna ilma fl-art u dan ghaliex kien hemm il-hsara fis-sistema li tiffiltra l-ilma. Dakinhar l-intimata keccietu mid-dar u sussegwentement beda jsib l-isfidi biex jara lill-bintu. Jghid li bintu stess tghidlu li ohtha K kienet tiehu hsiebha u mhux ommha, apparti l-fatt li r-residenza kienet dejjem b'riha qawwija ta' sigaretti. Jaf li sfortunatament dawn it-tfal kienu qed jitrabbew f'ambjent ta' hmieg u traskuragni.

Ghaliex darba insista maghha li t-tifla riedet tinhasel kuljum, l-intimata marret taghmel rapport l-ghassa li kien heddidha. Lit-tifla bdiet ma ttihilux ghall-access, imur ghaliha u l-bieb ma jinfetahx, lanqas il-mobile ma kienet twiegeb tant li kellu jaghmel rapport l-ghassa. Jghid illi l-intimata tghaddi minn fazijiet fejn tiffissa fuq id-dehra taghha u ohrajn fejn tintelaq u ma taghmel xejn. Madanakollu t-tfal dejjem fl-istess sitwazzjoni ta' traskuragni, nuqqas ta' igene u nuqqas ta' mhabba.

Gimghatejn wara li telaq mid-dar tal-intimata, it-tifla qaltlu li l-intimata kienet hallietha wahedha ma' ohtha A. Dan ikkonfermah ma' missier it-tifla l-ohra tal-intimata fejn sar jaf li t-tfal kienu damu madwar ghoxrin minuta wahedhom, sakemm kienet giet it-tifla l-kbira tal-intimata.

Lill-attur kien kelmu wiehed tal-hanut biex jara jekk ihallasx id-dejn li kellha l-intimata, sar jaf li anke dejn mal-hanut tal-laham kellha u kienet tibghat lit-tifla l-kbira tixtri biex jikkonfrontaw lit-tifla mhux lill-intimata.

L-attur jghid illi beda jinnota t-tbengil fuq it-tifla. Jghid illi fis-saghtejn access ta' matul il-gimgha jaghti mportanza lill-bzonnijiet tat-tifla bhal li jitmaghha sew u jahsilha. Imbaghad matul l-access ta' tmiem il-gimgha, jipprova jirkupra ghan-nuqqas fl-edukazzjoni tat-tifla. It-tifla tghidlu li ohtha A tghinha fix-xoghol tal-iskola anke jekk din ikollha taghha.

L-attur xehed in kontroezami waqt is-seduta tas-16 t'Ottubru 2023[2]. Jghid illi meta kienu jghixu flimkien, kien ikollhom hafna argumenti minhabba n-negligenza totali fid-dar tal-intimata, tant li kellu jaqla' l-kcina minhabba infestazzjoni ta' wirdien. Minkejja dan kollu baqa' jissaporta fir-relazzjoni minhabba t-tifla sakemm imbaghad keccietu l-intimata stess. Meta semma' d-dejn ma' tal-hanut, jikkonferma li kien hemm 'il fuq minn disa' mitt euro (Eur900).
L-attur kompla jixhed in kontroezami waqt is-seduta tas-6 ta' Dicembru 2023[3]. Jikkonferma illi t-tifla marret tirrisjedi mieghu minhabba r-raguni li l-intimata kienet fi kwarantina relatati mal-pandemija tal-COVID-19 u wara, l-intimata ma talbitux ghar-ritorn tat-tifla. Ghalhekk it-tifla baqghet ghandu. Meta t-tifla kienet mal-intimata, hu kien ihallas mitejn euro (Eur200)

[2] Vide fol. 152 et seq.
[3] Vide fol. 163 et seq.

manteniment fix-xahar. Apparti minn dan kien jixtri kull bzonn tat-tifla hu. Fid-data tad-depozizzjoni, l-attur jghid illi l-minuri tattendi l-Klabb 3-16 wara l-iskola fejn anke jghinuha taghmel ix-xoghol tal-iskola ghad-dar. Wara jigborha u jkompli dan ix-xoghol maghha d-dar. Darbtejn fil-gimgha jibqghu l-iskola u flimkien jattendu ghal-lezzjonijiet addizjonali offruti mill-Gvern.

Sabiex jikkorroborra l-verzjoni tieghu, l-attur ressaq il-provi segwenti:

1) *MYB, ossia omm l-attur,* xehdet illi l-intimata harget tqila bin-neputija taghha mill-ewwel kif bdew johorgu flimkien hi u t-tifel taghha l-attur. Tghid li kien hemm zmien fejn kellha bzonn issib residenza alternattiva u l-intimata offrietilha li toqghod maghha. Kienu ftehmu li thallasha mitejn euro (Eur200) fix-xahar izda lanqas xahar wiehed shih ma ssaportit. Ix-xhud tghid illi binha kien jinzel ilesti ghax-xoghol izda l-intimata kienet tibqa' rieqda. Kienet imbaghad tinzel biex tohrog tpejjep. Tghid li lit-tfal kienet tqajjimhom l-ahhar minuta ghall-iskola imbaghad tehodhom maljar malajr minghajr ma ttihom xejn qabel l-iskola. Filghaxija kienet thallihom mqajmin kif iridu u jinhaslu jekk iridu huma u wahedhom.

   Ix-xhud tghid illi l-intimata baqghet tpejjep b'mod eccessiv anke waqt it-tqala u d-dar dejjem kien ikun hemm foga shiha tas-sigaretti. Meta n-neputija kienet ghadha tarbija kienet dejjem tkun fis-sodda taghha u x-xhud kienet tistaqsiha jekk kienetx sqietha. Ix-xhud kienet tghidilha biex la qieghda kwietha, thalliha. Meta bdiet tikber u x-xhud kienet tistaqsiha jekk kienetx taghtha xi haga ohra apparti l-halib, kienet tghidilha li la tikber wahedha tibda tiekol.

   Ix-xhud tghid illi meta binha beda l-proceduri, kellu digriet ta' access li jiehu lit-tifla t-Tnejn, l-Erbgha u l-Gimgha wara l-iskola. Madanakollu kien ikun hemm drabi fejn l-intimata kienet tghidlu biex izomm lit-tifla hu specjalment nhar ta' Gimgha.

   Meta t-tifla kienet tmur ghand ix-xhud, kienet tisthajjilha tifla gejja minn pajjiz fqir ghaliex kienet tkun mahmuga u bi hwejjeg mhux taghha. It-tifla stess kienet tghidilha li meta kienet tistaqsi lill-ommha ghall-hwejjeg, l-intimata kienet tghidilha biex tmur tiehu minn go borza li kellha fis-salott li jkunu tawha n-nies. Tghid li xagharha kien ikun b' hafna ghoqiedi. Tghid li l-ewwel haga li dejjem taghmel hekk kif tasal ghandha n-neputija

hija li tahsilha u tahslilha xagharha. Ghax ix-xhud irrabjat mat-tifla li kienet terga' tmur ghandha bl-istess hwejjeg li tkun libsitha hi stess fil-granet ta' qabel, l-intimata bdiet tbiddlilha l-qalziet ta' taht qabel l-access. Il-minuri stess tghidilha li ommha tobghodha.

Ix-xhud tghid illi dik is-sena l-minuri kienet qattghet tlett xhur tas-sajf ghandha. Ommha darba fix-xahar biss kienet iccempel biex tmur lura ghandha u dan meta kien ikun wasal iz-zmien ghal hlas tal-manteniment.

Ix-xhud sostniet illi fis-sajf kienu huma li applikaw sabiex il-minuri tattendi skolasajf u kienu jkunu huma li jwassluha u jigbruha. Kemm-il darba talbet lill-intimata omm sabiex it-tifla tmur bil-vann u taghtiha raguni li ma taghmilx sens u cjoe li ma tridhix tithallat mat-tfal tal-van.

Tghid illi x-xhud ilha sitt snin tiehu hsieb il-bzonnijiet tal-minuri flimkien ma' binha. Jekk it-tifla ghandha gilda xotta, il-missier hadha ghand it-tabib u xtrawlha sapun apposta. Jekk kellha kundizzjoni f'ghajnejha, haduha ghand Specjalista u bdew jghamlulha l-*patches* m'ghajnejha kuljum. Baghtet ritratt tal-kaxxa tal-*patches* biex tixtrilha bhalhom izda t-tifla baqghet tghidilhom li ghand ommha, ma taghmilhomx.

Ix-xhud tghid illi bint l-intimata l-kbira harget tqila mis-sieheb taghha u marret tghix mieghu. It-tieni wild tal-intimata ittiehed taht il-kura tal-Istat minhabba problemi ta' sahha mentali. It-tielet wild tal-intimata, skont ix-xhud, kienet suggetta ghall-proceduri quddiem din il-Qorti u kien hemm decizjoni li l-minuri tirrisjedi mal-missier b'access favur l-intimata izda wkoll mhux dejjem tezercitah.

Tghid illi dak kollu li ghandha bzonn il-minuri ghall-iskola bhal uniformi, hwejjeg ta' taht u kotba, kollha jiehu hsieb jixtrilhom it-tifel taghha ossia l-attur u l-intimata qatt ma harget centezmu ghalihom. Tghid ukoll illi kemm-il darba ccempilhom l-intimata biex izommu lit-tifla fil-granet li tkun suppost maghha b'xi skuza jew ohra. Gieli anke harget u halliet lit-tifla tal-partijiet wahedha mat-tifla tan-nofs taghha. (A)

It-tifla kemm-il darba qalet lix-xhud li jekk tkun trid xi halib, trid tressaq is-siggu u tiehu hi ghaliex jekk tistaqsi lill-ommha tibqa' tghidilha li tkun gejja u ma tmurx ittiha. Tghid illi t-tifla kienet tmur aggressiva ghandhom imbaghad mal-hin tibda toqghod u tikkalma.

2) *AB, missier l-attur,* Xehed illi lill-minuri MNB kien jaraha hames (5) darbiet fil-gimgha kull darba li tkun ghand in-nanna paterna. Il-minuri tkun ghal qalbha hafna u tibda tibki meta jasal il-hin biex tmur lura ghand ommha ghax tghid li ommha ma taghtix kasha. Jikkonferma li dan veru ghaliex lit-tifla la taghmlilha xagharha u lanqas tahsilha. Tinhasel meta tkun ghand in-nanna paterna. Oltre minn hekk gieli lanqas tlibbisha n-nuccali jew taghmlilha l-*patches* meta din ghandha kundizzjoni f'ghajnejha li tirrikjedi li taghmilhom kuljum. Jghid illi kien hemm zmien meta t-tifla tan-nofs tal-intimata, A, kienet taghti tiekol lit-tifla tal-partijiet sakemm din marret tirrisjedi ghand missierha. Jghid illi meta tehodha l-iskola, xemx u xita, tmexxiha mil biex tmur l-iskola bil-mixi. Jghid illi skont digriet tal-Qorti, ibnu l-attur ghandu saghtejn nhar ta' Tnejn, saghtejn nhar ta' Erbgha u saghtejn nhar ta' Gimgha bhala access imma l-intimata kemm-il darba hallietha l-bqija tat-tmiem il-gimgha mieghu.

3) *JC, missier il-bint A,* ezebixxa kopja legali ta' digriet mahrug minn din il-Qorti fil-proceduri bin-numru 292/2018 JPG nhar il-15 ta' Gunju 2021 li permezz tieghu bintu, A Caruana, kienet giet awtorizzatha tibqa' tirrisjedi mieghu sakemm tigi konkluza investigazzjoni mid-Direttorat ghall-Ħarsien tat-Tfal fil-konfront tas-sieheb tal-omm li kien qieghed jirrisjedi maghha wara li sar rapport fuq l-ghajjat u l-glied li kien ikun hemm bejniethom[4].

Ix-xhud jghid illi kien ghamel sentejn jirrisjedi mal-intimata izda wara xi zmien kien ikollhom argumenti kontinwi u kienet anke ghamlet akkuzi serji fil-konfront tieghu li ma setghax jaccettahom.

Ix-xhud jghid illi meta kienu jirrisjedu flimkien, kemm-il darba kien iwassal it-tfal il-kbar tal-intimata hu ghall-iskola ghax kien jara li kien ikun sar il-hin tal-bidu tal-iskola u dawn ghadhom mhux lesti ghalhekk kien iwassalhom hu.

It-tifla tax-xhud tirrisjedi mieghu b'access ta' l-omm kull nhar ta' Erbgha, il-Gimgha u l-Hadd. L-access tal-Gimgha l-omm ma tkunx trid tezercitah. Jghid illi darba wara l-access it-tifla hadet ritratt tal-flixken tax-xorb tal-intimata u qaltlu li sakemm kienet hemm, l-

[4] Vide fol. 89

omm tkun xorbot hames tazzi.

Xehed illi fil-bidu kienu marru jaghmlu ftehim bejniethom quddiem avukat pero dan il-ftehim kien hemm ghall-finijiet legali ghaliex fil-verita' t-tifla kienet tghix mieghu. L-intimata, kemm-il darba cemplitlu qabel ikun ser jispicca l-access biex izomm lit-tifla ghandu minhabba xi appuntament li jkollha l-gurnata ta' wara.

Jghid illi fid-dar tal-intimata, il-hajja hija bil-maqlub, jghixu bil-lejl u jorqdu mal-gurnata tant li t-tifla tieghu kemm-il darba ma felhitx tiftah ghajnejha ghall-iskola minhabba li ma jkunux hallewha torqod mal-lejl bid-diski. Wara li l-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-intimata fuq dan, bint ix-xhud bdiet torqod fil-kamra mat-tifla z-zghira tal-partijiet u din ma bdietx torqod sew bil-bizgha li se twaqqa' lill-ohtha z-zghira.

4) <u>*MC,*</u> xehdet illi hi tigi z-zija paterna ta' wahda mit-tfal tal-intimata cioe A. Lill-attur kienet tafu biss meta kien jirrisjedi hemm ghaliex kien jiftah il-bieb meta x-xhud kienet tigbor lin-neputija taghha biex tehodha l-iskola. Tghid illi meta l-intimata u hu x-xhud kienu f'relazzjoni, hija marret ghand l-intimata tlett (3) darbiet biss ghaliex ma felhitx tara certu affarijiet. Dak iz-zmien il-wild il-kbir tal-intimata kien ghadu jirrisjedi maghha u x-xhud kienet tara lill-intimata tagixxi mieghu b'mod mhux xieraq u cjoe b'ghajjat u b'dagha kontinwu. Meta n-neputija marret tirrisjedi mal-familja tax-xhud, kienu jiehdu hsieb il-bzonnijiet kollha taghha huma imma kienet tinzel torqod ghand ommha.

Tghid illi fl-2015 kienu applikaw sabiex il-minuri tmur skola fis-sajf, kienu lesti li jhalsu kollox huma u lie jiehdu hsieb iwassluha u jigbruha huma izda xorta sabu l-intoppi bhal li jmorru jigbru lill-minuri u ma tiftahx il-bieb.

Ix-xhud tirrakonta kif darba minnhom it-tifla marret ghandhom b'ghoqda kbira go xaghrha li kienet qed taghmlilha ugigh ta' ras. L-ghada kellhom ifallulha l-iskola biex marret gurnata ghand tax-xaghar biex tnehhilha din l-ghoqda. Minn dakinhar bdew jehduha kull tlett gimghat biex jaghmlulha trattament ghan-nokkli. Meta tkelmet man-neputija, ix-xhud qalet li t-tifla kienet qaltilha li ghand ommha ma kellhiex *shampoo* biex tahsel xaghra.

Xehdet illi qatt ma rat emozzjoni fl-intimata u qatt ma taf li l-intimata ferhet ghal uliedha.

Ix-xhud tghid illi taf b'certezza li l-minuri bdiet tirrisjedi mal-attur mis-27 t'Ottubru 2021 ghaliex dak it-tmien il-gimgha n-neputija taghhom kienet ghamlet il-Grizma u ghalhekk kien hemm kuntatt biex bint il-partijiet tattendi wkoll. Meta wasal zmien l-iskola, l-attur kien talabha biex la kienet sejra tixtri l-uniformi tan-neputija tixtri wkoll ta' bintu. Meta kien hemm l-iskola online minhabba l-pandemija, ix-xhud kienet cemplet direttament lill-missier l-attur sabiex tghinu jiffacilita' l-access ghall-lezzjonijiet tan-neputija.

Tghid illi fir-rigward tal-minuri neputija taghha, kien hemm ix-xhieda min-naha tal-iskola li kienu xehdu li minn xahar, kienet marret biss jumejn meta kienet tirrisjedi maghha. Kienu gew ipprezentati records ukoll illi ghal ghoxrin jum il-minuri kienet waslet tard ghall-iskola, cjoe wara d-9am.

***__Il-Verzjoni tal-Konvenuta u l-Provi Mresqa Minnha:__***

Il-konvenuta xehdet quddiem din il-Qorti waqt is-seduta tas-27 ta' Frar 2023[5]. L-intimata xehdet illi fis-sena precedenti kien hadmet **ghal xahar** bhala ufficjal tas-sigurta' gewwa bank lokali. Minhabba li kienet tibda kmieni hafna, it-tifla kienet bdiet torqod ghand in-nanna paterna. Sa fejn taf hi dejjem ghand in-nanna paterna kienet tirrisjedi. Tikkonferma illi kienu jkunu n-nanniet paterni li jwasslu lill-minuri l-iskola u jigbruha imbaghad toqghod mal-missier meta jirritorna mix-xoghol.

Fid-data li tat id-depozizzjoni taghha, ix-xhud ma kienitx qieghda tahdem u kienet tghix fuq il-penjoni tar-romol. Tghid illi mhux f'pozizzjoni li tintrabat li thallas manteniment ghal uliedha izda meta kellhom bzonn dejjem xtrat ghal kull wiehed minnhom, bhal per ezempju hwejjeg. Lill-kbira anke thalsilha l-kont tal-mobile ta' kull xahar. Barra minn hekk, meta jkunu ghandha dejjem ittihom flus kontanti f'idejhom biex ikollhom biex jixtru.

Il-konvenuta xehdet ukoll fis-seduta tad-19 ta' Frar 2024[6]. Xehdet illi l-argumenti bejniethom kienu jinqalghu ghaliex l-attur kien imur ma' nisa' ohra tant li anke wahda min-namrati tieghu kienet qaltlu li l-konvenuta ma kienx jixirqilha hekk ladarba kienet tqila minn tieghu. Tghid illi wara li tterminaw r-relazzjoni taghhom waqt it-tqala, hu ma tax kaz aktar tant li lanqas

[5] Vide fol. 140 et seq.
[6] Vide fol. 174 et seq.

kien jaf meta weldet u kienet hi li baghtet tinfurmah biex jekk irid imur jara lit-tarbija. Kien hu stess li kien semmielha li kien jiehu d-drogi qabel ma kienu flimkien. Sakemm damu flimkien, l-attur anke lit-tfal l-ohra kien jiehu ghandha.

Xehdet illi dakinhar li kellha l-hsara fis-sistema tal-ilma, l-attur ma kienx impurtah u ghalhekk kienet tefghetu ‘l barra. Meta staqsiet lit-tifla min kien ordnalha li tibqa’ ghand in-nanna paterni, kienet wegbitha li kienet in-nanna stess. Min-naha taghha l-intimata qatt ma qaltilha biex ma tmurx ghandha. Tghid illi hi lesta li t-tifla tkun torqod ghandha, tehodha l-iskola u tmur ghaliha wara li t-tifla tibqa’ ghal lezzjonijiet addizjonali offruti mill-Gvern. Tghid illi sakemm damet maghha l-minuri, il-missier kien ihallas mija u hamsin euro (Eur150) fix-xahar bhala manteniment u ma kienx ihallas xejn bhala spejjez. Ghaliha dan l-ammont kien ftit.

IL-konvenuta tghid illi minn meta t-tifla bdiet tirrisjedi mal-missier, kien il-missier li ma kienx ikun irid inizzel lit-tifla ghandha izda ma kienitx taf ir-raguni ghal dan.

Il-konvenuta xehdet in kontroezami (vide is-seduta tal-10 t’April 2024[11]) li l-minuri twieldet fit-X u ghalhekk kienet ser taghlaq X il-sena  mhux W kif kienet xehdet precedentement. Tghid illi kemm damet maghha t-tifla dejjem bghatitha l-iskola b’ikel varjat inkluż bi tlett (3) frottiet differenti. Dejjem bghatitha xummiema l-iskola ghaliex thobb tahsel il-hwejjeg bl-idejn bhal ma kienu jaghmlu fl-antik.

Tghid illi lill-minuri kull gimgha taghtiha flus kontanti f’idejha biex tghaddihom lill-missierha, daqqa taghtiha hamsin euro (Eur50), daqqa ttiha ghoxrin euro (Eur20). Tghid illi hi tixtri l-hwejjeg lit-tifla meta tkun ghandha. Fuq mistoqsijiet ta’ din il-Qorti, il-konvenuta ikkjarifikat illi tonfoq madwar hamsa u sebghin euro (Eur75) fis-sena biex tixtri l-hwejjeg ghas-sajf u ghax-xitwa lit-tifla li imbaghad tghaddihom lill-missier u ma tafx x’jaghmel bihom. Madanakollu qatt ma zammet ircevuti ta’ dan ix-xiri.

In kontro-ezami tikkjarifika illi meta qalet li t-tfal kienu jghinuha bit-tarbija kienet qed tirreferi ghat-tifla l-kbira li kienet adoloxxenti ghaliex it-tifel ma kienx jirrisjedi maghha u t-tifla tan-nofs kellha V il-sena.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara proċeduri intavolati mill-attur missier fejn qieghed jitlob illi din il-Qorti tirregola l-aspetti relattivi ghall-minuri bint il-partijiet wara li l-partijiet lehqu ftehim u dan gie redatt fi skrittura privata bejniethom;

***Fir-rigward il-kura u l-kustodja u l-access tal-ulied***

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [12] Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana *ai termini* tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[7] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017: [8]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

[7] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[9] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[10]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[11]

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuri, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet*** ***'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[12]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how***

---

9 Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.
10 Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
11 Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
12 Enfazi tal-Qorti.

> ***much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi gie ritenut ukoll illi meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-ġenituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-aħjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maġġor parti tal-każijiet li jitressqu għad-deċiżżjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull deċiżżjoni immankabilment tħalli effett duratur fuq il-ħajja tal-minuri u fuq il-ħajja ta' dawk ta' madwar il-minuri.

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deċiża fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn ġie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[13] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

*Fir-rigward il-manteniment ghall-ulied*

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-Liġi, il-ġenituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iż-żewġ ġenituri għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-ulied.

[13] Enfazi tal-Qorti.

L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied huwa kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili.

**Konsiderazzjonijiet:**

Din il-Qorti fliet l-atti u l-evidenza kollha li ngabet quddiemha. Tibda biex tirritjeni illi l-partijiet ghazlu li jistriehu fuq xhieda okkulari biss. L-attur ressaq bhala xhieda lill-genituri tieghu, lill-missier it-tielet wild tal-intimata u lill-oht l-istess missier. Din il-Qorti tara illi ma ngiebu l-ebda provi jew xhieda oggettivi bhal dirigenti tal-iskola fejn tattendi l-minuri, l-ghalliema jew professjonisti li segwew lill-minuri.

Min-naha l-ohra din il-Qorti tqis illi l-konvenuta mhux talli naqset milli ggib xhieda okkulari da parti taghha bhal ommha jew lit-tifla l-kbira taghha, talli ma resqet l-ebda provi biex issostni dak li xhedet hi quddiem din il-Qorti. *Di piu'* l-intimata kienet inkonsistenti fix-xhieda taghha fuq diversi punti u ghalhekk din il-Qorti tqis il-verzjoni tal-attur bhala wahda aktar verosimili. Din il-Qorti gharfet wkoll in-nuqqas ta' interess tal-omm fl-attendenza irregolari taghha ghas-seduti quddiem din il-Qorti minghajr ebda avviz. Hareg bic-car mid-depozizzjoni tal-istess intimata illi taghti importanza kbira ghall- manteniment milli fuq materji ohra.

Meta tiehu kollox in konsiderazzjoni, din il-Qorti m'ghandhix dubju illi l-minuri llum-il gurnata tinsab f'sitwazzjoni ferm ahjar ghaliex tirrisjedi mal-familja paterna. Kienet l-intimata stess illi rrikonoxxiet illi n-nanniet paterni kienu jwasslu lill-minuri u jigbruha mill-iskola u dan minkejja li l-intimata ma tahdimx u minkejja li ssostni li thobb lit-tfal. Ghalhekk il-Qorti tinsab certa li l-bzonnijiet tal-minuri qieghdin jintlahqu kollha u li l-minuri tinsab f'ambjent san. Hemm differenza kbira mix-xhieda tal-missier li jaghti rendikont dettaljat tar-rutina tal-minuri ghall- verzjoni tal-omm li lanqas kienet taf li l-lezzjonijiet addizzjonali jsiru darbtejn biss fil-gimgha u mhux kuljum kif qalet hi. Anke semplicement ir-risposta taghha "Darbtejn? U iva"...[14] turi l-attitudni ta' *ma jimpurtanix* da parti ta' l-intimata u ghalhekk

[14] Vide fol. 191

thalli dubju serju fil-Qorti kemm l-intimata tkun kapaci zzomm ir-rutina tal-minuri u, jew tigbor lill-minuri fil-hin meta lanqas biss taf meta isiru l-lezzjonijiet addizjonali.

Hemm imbaghad preokkupazzjonijiet ohra li johorgu mill-provi li bl-ebda mod ma gew ribaditi u cjoe l-konsum tal-alkahol da parti tal-intimata u t-tipjip eccessiv anke god-dar fil-prezenza tal-minuri; l-ghajjat u d-dagha, l-instabbilta' fir-relazzjoniijet tal-intimata ma membri tas-sess oppost u l-glied kontinwu mas-sieheb kurrenti taghha. Din il-Qorti baqghet m'ghandhiex ir-rezultanzi tal-investigazzjoni da parti tad-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal stante li ma gie pprezentat l-ebda rapport fl-atti tal-proceduri. In-nuqqas ta' stabbilta' tohrog ukoll mill-fatt li l-intimata ma tahdimx, **hadmet biss ghal xahrejn bejn Jannar u Marzu 2022** u mill-bqija tghix fuq il-beneficcji socjali ossia l-pensjoni tar-romol. Anke d-dikjarazzjoni taghha waqt il-kontroezami illi jiddispjaciha li rregistrat lill-minuri bhala bint l-attur[15] ghaliex kieku ma kienx ikollha dan l-inkwiet, tohrog bic-car l-attitudni tal-intimata li ma jimpurta xejn mill-*benessere* ta' wliedha u mid-drittijiet ta' bintha li jkollha relazzjoni ma' missierha imma tixtieq li ma nizlitux biex ikollha aktar kontroll fuq bintha u s-sitwazzjoni taghha.

Fl-ahharnett il-Qorti tara n-nuqqas ta' interess fir-relazzjoni u l-access ma' bintha anke mill-fatt illi bl-ebda mod ma ttentat tvarja s-sitwazzjoni kurrenti u titlob ghar-ritorn tal-minuri biex terga tirrisjedi maghha. **Ivverbalizzat biss din ix-xewqa waqt il-kontroezami taghha u tghid illi ma ttavolatx rikorsi ghax ma tridx tahli flus fuq hekk.** Il-Qorti ma tistax ma tiddikjarax illi applikazzjoni ghar-ritorn ta' minuri bhala hela ta' flus. Di piu, il-Qorti taghraf illi l-intimata lanqas ma talbet mqar li testendi l-access li nghatalha. In oltre, il-Qorti wara li ezaminat il-messaggi ezebiti mar-rikors tal-attur, tqis illi fil-verita l-intimata tara lill-minuri bhala xkiel bhal meta ghal darbtejn tghid lill-attur biex izommha ghax ghandha xi affarijiet x'taghmel, bhalikieku mhux kull genitur ikollu x'jaghmel! Il-Qorti taghraf li l-intimata damet hmistax f'Novembru 2021 ma titlob li tara lil bintha minhabba "l-affarijiet" li kellha x'taghmel. **Wara hmistax, l-intimata titlob lill-attur biex inizzlilha l-manteniment u mhux lit-tifla**; waqt li fuq it-tifla matul dawk il-hmistax, **m'hemmx domanda wahda fil-messaggi. Lanqas fil-messagg tat-28 ta' Novembru ma tistaqsi xejn fuq it-tifla izda biss**

[15] Vide fol. 188

**ghal manteniment[16].** Illi din il-Qorti ssib dan l-attegjament biered inaccettabli fil-konfront ta' minuri nnocenti u tiddeplora li kwalsiasi genitur jara lill-wild tieghu jew taghha bhala mezz finanzjarju, minghajr ebda interess fil-benessere tal-wild. Ghaldaqstant hija nkocepibbli kif l-intimata tippretendi li terga' tigi vestita bil-kura u kustodja tal-minuri.

Ghalhekk tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma thossx li hemm ragunijiet u, jew provi sufficjenti sabiex tiddepartixxi mill-ordnijiet li tat gja fil-mori tal-proceduri odjerni u cjoe li l-kura u kustodja tal-minuri tibqa' vestita unikament fl-attur, li l-minuri tibqa' tirrisjedi mal-attur b'access limitat ghall-intimata.

Din il-Qorti mhix f'pozizzjoni li taghti provvedimenti dwar manteniment stante li l-attur ma ressaq ebda talba f'dan ir-rigward.

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimata:**

1) **Tilqa' l-ewwel talba, thassar u tannulla fl-interess suprem tal-minuri MNB dak kollu miftiehem mill-kontendenti fl-imsemmija skrittura privata datata sitta (6) ta' Frar 2017;**

2) **Tilqa' t-tieni talba u tordna illi fl-ahjar interess tal-minuri, MNB bint il-kontendenti, li l-kura u kustodja tal-istess minuri tigi fdata esklussivament f'idejn l-attur b'mod illi r-residenza primarja tal-istess minuri tkun mal-attur MB, salv ghad-dritt ta' access a favur l-intimata kull nhar ta' Gimgha bejn il-5pm u t-8pm b'dana li l-intimata CP ghandha tigbor lill-minuri mir-residenza tal-attur fil-bidu tal-access waqt li jkun l-attur li jigbor lill-minuri mir-residenza tal-intimata fi tmiem l-access. Kemm-il darba l-attrici tittardja iktar minn nofs**

[16] Vide fol. 105

**siegha sabiex tezercita d-dritt tal-access, dan l-access ghandu jitqies bhala mitluf ghal dik il-gurnata.**

**Bl-ispejjez kontra l-intimata.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**